movimento tal-fokolari

# Il-Kelma tal-Ħajja

Jannar 2026

ĦARĠA 01

## "Ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda" (*Ef.* 4, 4).

Fil-Ġimgħa ta' talb għall-għaqda tal-Insara[1], aħna mistednin nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq suġġett partikulari, li nsibuh fl-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin. Fl-Ittri miktuba minnu mill-ħabs, hu jħeġġeġ l-Insara biex permezz tal-għaqda ta' bejniethom ikunu xhieda kredibbli tal-fidi tagħhom.

Din hi xhieda mibnija fuq fidi waħda, spirtu wieħed, tama waħda u huwa biss permezz ta' dan li nistgħu nixhdu għal Kristu.

**"Ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda".**

Għal Pawlu, it-tama hi importanti ħafna. X'inhi t-tama u għaliex aħna mistednin biex ngħixuha? Hi bħal rimja, don li għandna dmir inħarsuh u nkabbruh biex jagħti l-frott għall-ġid ta' kulħadd. "It-tama Nisranija tistedinna nieħdu postna fuq il-quċċata ta' muntanja, li hu dak il-post fejn il-vokazzjoni tagħna titlob minna li kull ġurnata u kull ħin nibqgħu fidili lejn il-fedeltà ta' Alla lejna"[2].

Il-vokazzjoni tagħna, is-sejħa għalina l-Insara mhijiex biss xi ħaġa li hemm bejn il-bniedem u Alla, imma hi "Is-sejħa tagħna lkoll flimkien", dik l-għaqda bejn dawk kollha li jimpenjaw ruħhom biex jgħixu l-Vanġelu. Fid-diskorsi u fil-kitbiet ta' Chiara Lubich sikwit insibu referenzi ċari għall-għaqda, l-aspett speċifiku tal-ispiritwalità tagħha: hi l-frott tal-preżenza ta' Ġesù fostna. U din il-preżenza hi għajn ta' ferħ mill-aktar kbir.

"La l-għaqda hi daqshekk importanti għalina l-Insara, mela m'hemm xejn li jmur kontra l-vokazzjoni tagħna daqs meta nonqsu li nħarsuha. Aħna nonqsu mill-unità kull darba li nċedu għat-tentazzjoni, li tfeġġ il-ħin kollu, biex nagħmlu dak li rridu aħna, u nimxu skont il-ġudizzju tagħna, kif jaqblilna jew biex nidhru sbieħ. Hekk inkunu qed ninjoraw, jekk mhux ukoll immaqdru, lill-oħrajn, il-bżonnijiet u d-drittijiet tagħhom"[3].

**"Ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda".**

Fil-Gwatemala, pajjiż li jinsab fl-Amerika t'Isfel, hemm għaddej djalogu bejn Insara minn Knejjes differenti. Ramiro kitbilna hekk: "Flimkien ma' grupp ta' nies minn Knejjes differenti, ħejjejna l-Ġimgħa ta' talb għall-għaqda tal-Insara. Fil-programm insibu festival artistiku mħejji miż-żgħażagħ, kif ukoll ċelebrazzjonijiet

oħra fil-Knejjes tal-post. Il-Konferenza Episkopali Kattolika talbitna nkomplu din l-esperjenza billi nħejju wkoll mument ta' djalogu ma' grupp ta' Isqfijiet Kattoliċi u ma' Insara ta' knejjes differenti mill-Amerika kollha. Dan għamilnieh biex niċċelebraw għeluq l-1700 sena mill-Konċilju ta' Niċea. Lilhinn minn dawn l-attivitajiet, qed nagħmlu esperjenza qawwija tal-għaqda ta' bejnietna u qed inħossu dik l-imħabba tal-aħwa, ferħ u paċi li din iġġib magħha".

Patrizia Mazzola u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**REFERENZI**

**1:** Din issir fl-emisferu nord kollu mit-18 sal-25 ta' Jannar u fl-emisferu t'isfel fil-ġimgħa ta' Pentekoste. It-talb għal din is-sena tħejja minn grupp ekumeniku, immexxi mill-Knisja-Appostolika-Armena.

**2:** Madeleine Delbrêl, meqjusa bħala waħda mill-personalitajiet spiritwali importanti tas-seklu għoxrin. https://www.pasomv.it/files/bocc/madalein_del_brel_noi_spes.pdf.

**3:** C. Lubich, Kelma tal-Ħajja, Lulju 1985, meħuda mill-ktieb *Kliem il-Ħajja*, ta' Fabio Ciardi, (Opere di Chiara Lubich 5), Città Nuova, Ruma, 2017, pġ. 327.

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise', Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**